31 ta' Jannar, 1953

Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Kurunell Edgar Vella, O.B.E. ne.** *versus* **Paul Mifsud ne.**

**Pagament — Riċevuta — Spejjeż — Boll — "Landing Charges" — Użu Lokali — Konswetudini — Art. 1206 (1) tal-Kodiċi Ċivili — Art. 86 tal-Kap. 68.**

*Żewġ elementi jikkaratterizzaw il-konswetudini: wieħed estern, jew obbjettiv, konsistenti fl-osservanza kostanti, uniformi u ininterrotta, ta' serje ta' attijiet; l-ieħor intern, jew subbjettiv, konsistenti fl-obligu tal-konsoċjati li josservaw dawk l-attijiet bl-istess effikaċja ta' norma ġuridika. L-użu li ma jirrivestix dawn iż-żewġ elementi ma jistax jiġi invokat bħala konswetudini.*

*Kull min iħallas għandu dritt jitlob minn għand il-kreditur tiegħu prova tal-pagament minnu effettwat, b'dan però illi l-ispejjeż tal-pagament ibatihom hu. Imma l-ispejjeż tal-boll fuq irċevuta ma jidħlux fl-ispejjeż tal-pagament, għax il-boll mhux ħaġa essenzjali għall-irċevuta, u ma jżid xejn ma' l-effikaċja ta' l-irċevuta. Barra minn dan, skond il-Liġi tal-Boll lokali, il-boll fuq l-irċevuta għandu jwaħħlu min jirċievi l-ħlas.*

*Mill-provi li saru f'din il-kawża ma rriżultax li jeżisti xi użu fis-sens li ma tingħatax riċevuta lil min iħallas il-"Landing Charges"; irriżulta biss li dik l-irċevuta tingħata lil min jitlobha. Għalhekk min jitlobha għandu dritt għaliha.*

*Lanqas irriżulta li hemm xi użu li, meta din l-irċevuta tiġi mitluba u tiġi mogħtija, il-boll fuqha jitħallas mir-riċevitur li jħallas u mhux mill-aġent li jirċievi l-ħlas.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attur nomine quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut nomine biex jirrilaxxja lill-attur nomine riċevuta għall-pagament ta' £2. 9. 8, li huwa għamillu fis-17 ta' Ġunju 1952 għal-"Landing Charges" ta' merċi li waslu Malta ex S.S. Bengore Head; u in difett tar-rilaxx ta' din ir-riċevuta fit-terminu li jiġi lilu prefiss, biex jiġi dikjarat li l-attur effettivament ħallsu s-somma fuq indikata u għall-kawżi fuq imsemmijin. Bl-ispejjeż, inklużi 3s ta' ittra interpellatorja;

Rat l-eċċezzjoni tal-konvenut, li biha eċċepixxa li mhix

prattika kummerċjali li tingħata riċevuta għall-"landing charges"; u f'kull każ, jekk dina l-irċevuta tingħata fuq rikjesta ta' min ħallas, dan għandu jbati l-ispejjeż relativi għall-pagament;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fil-15 ta' Novembru 1952, li biha dik il-Qorti laqgħet it-talbiet ta' l-attur nomine, u għall-fini ta' l-ewwel talba pprefiġġiet lill-konvenut żmien jumejn mill-jum tas-sentenza; u ordnat li in vista tannovità tal-kwistjonijiet involuti l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi mill-istess eċċezzjoni jidher li l-indaġini tal-Qorti tiddawwar fuq żewġ kwistjonijiet, u ċjoè (a) jekk hijiex prattika kummerċjali li ma tingħatax riċevuta għall-ħlas tal-"landing charges", u (b) f'każ li dan l-użu ma jeżistix, min għandu jbati l-ispejjeż tal-boll relativ ta' l-istess riċevuta;

Illi l-konswetudini li talvolta l-Qorti tista' tieħu in konsiderazzjoni hija dik li tkun "praeter legem";

Illi l-użu, jew konswetudini, tista' tiġi definita bħala "la costante, uniforme ed ininterrotta osservanza di una pratica generale, compiuta dai consociati, colla convinzione in costoro della sua rispondenza ad una necessità giuridica" (D'Avvanzo, Istituzioni di Diritto Civile); minn liema definizzjoni jidher li żewġ elementi jikkaratterizzaw il-konswetudini: wieħed estern, jew obbjettiv, konsistenti mill-osservanza kostanti, uniformi u ininterrotta, ta' serje ta' attijiet; intern, jew subbjettiv, l-ieħor, konsistenti fl-obligu tal-konsoċjati li josservaw dawk l-attijiet bl-istess effikaċja ta' norma ġuridika;

Illi mix-xhieda mismugħa rriżulta li fil-każ in eżami l-prattika allegata mill-konvenut ma hix kostantement osservata, u għalhekk ma tistax tiġi elevata għall-karattru tal-liġi jew tkun il-konswetudini, meta ma jirrikorrux l-elementi fuq imsemmija ta' l-uniformità u ta' l-osservanza ininterrotta;

Illi, stabbilit li l-konvenut ma ppruvax soddisfaċentement l-użu bil-karattri tiegħu kif fuq intqal, il-Qorti sejra issa teżamina t-tieni kwistjoni involuta f'dina l-kawża;

Illi huwa notorju li kull min iħallas għandu dritt jitlob minn għand il-kreditur tiegħu prova tal-pagament minnu effettwat;

Illi l-art. 1206 (1) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li l-ispejjeż tal-ħlas ibatihom id-debitur; u l-Baudry Lacantinerie (Obbligazzjoni, Volum tnejn, numru 1512), li jikkommenta dispożizzjoni simili tal-Kodiċi Franċiż, jgħid :— "Le spese del pagamento sono a carico del debitore; esse comprendono le spese di consegna e le spese di quittanza". Dan l-awtur però kien qiegħed jitkellem fuq kodiċi li taħt is-sistema tiegħu kull riċevuta għandha ssir fuq karta bollata, u għalhekk neċessarjament l-ispejjeż relativi, kompriż il-boll, kellhom jibqgħu għakkariku tad-debitur;

Illi però, taħt il-leġislazzjoni maltija l-prova ta' l-adempiment ta' obligazzjoni u l-estinzjoni tad-dejn tista' tirriżulta anki minn irċevuta miktuba fuq karta sempliċi, u l-affissjoni tal-boll ma żżid xejn ma' l-effikaċja ta' l-istess riċevuta li jkollha l-effetti tagħha kollha legali anki meta nieqsa mill-boll;

Illi minn dana jidher li l-ispejjeż tal-boll mhumiex essenzjali għall-pagament, u għalhekk ma jistgħux jiġu kunsidrati bħala spejjeż inerenti għall-ħlas;

Illi l-liġi fiskali (Kap. 68), fl-artikolu 86, tgħid illi kull min jagħti riċevuta suġġetta għat-taxxa tal-boll, bla ma tkun imbullata kif u kemm imiss, jinkorri fil-penalitajiet stabbiliti fl-istess liġi;

Illi l-ispirtu ta' din il-liġi, li wieħed faċilment jiddeżumi mill-kumpless tad-dispożizzjonijiet tagħha, huwa li timponi taxxa fuq min jirċievi; u kien ikun inikwu kieku l-leġislatur ħoloq obligu lid-debitur li jħallas taxxa oltre li jkun eroga l-flus minnu dovuti;

Illi dan l-obligu ta' l-affissjoni tal-boll, kif ukoll il-ħlas relativ, jaqa' fuq ir-riċeventi, kif jidher mill-inċiż (b) ta' l-artikolu 86 fuq ċitat, li testwalment jiddisponi "jirrifjuta li jagħti riċevuta imbullata kif imiss.... ......";

Rat fol. 22 in-nota ta' l-appell tal-konvenut nomine, u fol. 23 iċ-ċitazzjoni tiegħu li biha talab ir-revoka tad-deċiżjoni fuq imsemmija;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-appellant isostni illi t-talba kontenuta fl-avviż ma għandhiex tiġi akkolta għal żewġ raġunijiet : (a) għaliex jeżis-

ti użu fil-pjazza lokali li għall-"Landing Charges" ma tingħatax riċevuta; u (b) għaliex l-aġent huwa mandatarju tar-riċevitur, u bħala tali huwa ma għandux isofri l-ispiża tal-boll ta' l-irċevuta, peress li, skond il-liġi (art. 1983 Kod. Ċiv. Kap. 23), il-mandant għandu jirrimborża lill-mandatarju l-ispejjeż li dan ikun għamel *fl-eżekuzzjoni tal-mandat*;

Dwar l-ewwel raġuni;

Mill-provi mismugħa ma jirriżulta xejn affattu li hemm xi użu li ma tingħatax riċevuta għall-"landing charges". Fl-ipotesi l-aktar favorevoli għall-appellant, jirriżulta biss, se mai, li din l-irċevuta tingħata jekk min iħallas il-"landing charges" jitlobha. L-a tur, kif ma hux kontrastat, talabha, u għalhekk għandu dritt għaliha. *Il-pont hu pjuttost jekk* hemmx użu fis-sens li l-boll tar-riċevuta jitħallas mir-riċevitur pagant, u mhux mill-aġent riċevent tal-ħlas. Dan l-użu ma ġiex pruvat, għaliex il-provi testimonjali u dokumentati juru li minn xi daqqiet iħallas il-boll ir-riċevitur, u minn xi daqqiet iħallsu l-aġent li jkun irċieva l-ħlas. Ma hemmx użu meta l-prattika tkun difformi. "Observantia non relevat si in aequivocis ponatur cum sit difformis". Kif ukoll "Consuetudo nihil est si non est perennis et uniformis". L-istess hu ritenut fis-sistema ġuridiku ingliż, meta għall-"custom of merchants" jeħtieġ li l-"custom" ikun, "inter alia", "continued", "certain", u "peaceable"—dak li ma hujiex meta wieħed jagħmel hekk u l-ieħor jagħmel xort'oħra;

Dwar it-tieni raġuni;

Mill-Liġi tal-Boll (Kap. 68 Ediz. Rived.) jirriżulta eżuberantement li l-boll għandu jitħallas minn min jirċievi l-ħlas. Hekk l-art. 84 (1) jgħid li t-taxxa għandha tiġi ndikata b'bolli li għandhom jiġu kanċellati minn min jagħti l-irċevuta; u riċevuta (art. 83) hi kitba mogħtija fuq ħlas ta' flus. Skond it-tieni subartikolu ta' dak l-artikolu, jekk flok irċevuta ssir "credit entry", għandhom jitwaħħlu l-bolli ma' ġenb il-partita ta' akkreditament. Hu ċar li l-"credit entry" ssir fir-reġistru ta' min jirċievi l-ħlas. Hekk ukoll l-art. 86 (a) u (b) jikkommina s-sanzjoni opportuna lil min jagħti riċevuta mhux imbullata kif u kemm imiss, u lil min jirrifjuta jagħti riċevuta mbullata kif imiss;

Huwa veru, kif irraġuna l-Imħallef Debono in re "Gasan vs. Zammit", 5 ta' Ġunju 1902, Kummerċ, illi altru huma r-rapporti fiskali u altru huma r-rapporti tal-partijiet bejniethom; iżda dan ifisser biss li jekk, barra l-figura tal-pagant u riċevent in relazzjoni għall-irċevuta, hemm xi figura oħra fir-rapporti nterni tal-partijiet, dawn ir-rapporti nterni ma humiex preġudikati bl-eżekuzzjoni ta' l-obligi fiskali. Fil-każ preżenti hu ċert li r-riċevitur, meta jħallas il-"landing charges", ikun pagant; u hu ugwalment ċert li l-aġent li jirċievi dawk il-"landing charges", ikun riċevent tal-ħlas; u hu wkoll ċert li f'dak il-mument ikun hemm dak il-"ħlas ta' flus" li tikkontempla, "inter alia", il-Liġi tal-Boll fit-Titolu IX, u li għalhekk min jirċievi l-ħlas għandu jħallas il-boll;

L-art. 1206 Kap. 23, ċitat mill-appellant, ma jajjutax it-teżi tiegħu. Dak l-artikolu jgħid li l-ispejjeż tal-ħlas ibatihom id-debitur. Issa, apparti l-kwistjoni jekk l-ispejjeż fiskali humiex kompriżi fl-ispejjeż tal-pagament, hu fatt li l-Liġi tal-Boll, bħala liġi speċjali posterjuri, tipprevali; u din il-liġi speċjali, kif fuq ingħad, timponi l-affissjoni tal-boll lil min jirċievi l-ħlas;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu u fil-kap ta' l-ispejjeż; bl-ispejjeż però ta' din it-tieni istanza kontra l-appellant nomine; u b'dan illi l-boll fuq l-irċevuta jitwaħħal u jitħallas mill-appellant nomine; u b'dan li t-terminu mogħti mill-Ewwel Qorti għall-finijiet ta' l-ewwel talba jibda jiddekorri mil-lum.